MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2008

Numru 533/2008

**Il-Pulizija**
**Sp Martin Sammut**
**vs**
**Mohammed Moubarak Altayeb Adam**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Mohammed Moubarak Altayeb Adam ta’ 32 sena iben Altayeb u Magpulh nee’ Mohammed mwieled fil-15 ta’ Novembru 1975 fis-Sudan u residenti Marsa Open Centre, Xatt il-Mollijiet Marsa, ID 30108A.**

**Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer matul il-lejl ta’ bejn il-21 u 22 ta’ Gunju 2008 ghall-habta ta’ 00.15hrs gewwa Triq Elia Zammit San Giljan u / jew fil-vicinanzi:**

**1. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb kontra PC 82 C Dingli, persuna inkarigata**

**skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**2. Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PC 82 C Dingli u PC 1456 J Cassar, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur ta' Artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**3. Volontarjament hassar jew ghamel hsarat, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe uniformi tal-pulizija, liema hsara ma tiskorrix l-LM10 ghad-dannu tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Gvern ta' Malta u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**4. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe vettura tal-pulizija bin-numru tar-registrazzjoni GVP 502 ta' l-ghamla Ford, liema hsara tiskorri 116.47 Euro (LM50) izda ma tiskorrix 1164.70 Euro (LM500) ghad-dannu tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Gvern ta' Malta u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**5. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, b'ghajjat u glied u dan bi ksur ta' Artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**6. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' PC 82 C Dingli u PC 1456 J Cassar, persuni inkarigati minn servizz pubbliku jew ma halliex jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod**

**iehor u dan bi ksur ta' Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**7. Garr strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat ghal dawn is-seba' imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li nghata zmien xieraq biex jahsibha. Ghal daqstant dawn gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 17H, 28A, 96, 95, 325(d)(d), 338(e)(e) tal-Kap 9 kif wkoll l-Artikolu rilevanti tal-Kap dwar l-armi, ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh bl-imputazzjonijiet 3, 4, 5 u 6 assorbiti fl-ewwel u t-tieni imputazzjoni u qed tikkundanna lill-imputat ghal sena prigunerija sospizi ghal tliet snin. Il-Qorti spjegat l-Artikolu 28A tal-Kap 29 lill-imputat fi kliem semplici. Tordna li jhallas tal-hsara fi zmien tliet xhur millum u dan a tenur ta' l-Artikolu 28H tal-Kap 9. Fl-ahhar nett qed tordna il-konfiska ta' l-arma li l-pulizija esebiet biss formalment f'dan il-mument.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------